MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 82

12 ta' Settembru 2017

Minuti tas-seduta Nru. 82 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar t-Tlieta 12 ta' Settembru 2017 fil-5.30pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## i. Mewt tas-Sur Jimmy Muscat (M/9)

ii. Is-Sindku rrefera għall-mewt tas-Sur Jimmy Muscat li grat fit-2 ta' Settembru 2017. Huwa stqarr li fl-ewwel seduta li qed isseħħ wara t-telfa tiegħu, jixtieq isellem il-memorja tiegħu billi kien persuna li ħabb lill-Mellieħa u ddedika ħafna ħin biex jikteb fatti storiċi dwarha. Biżżejjed li wieħed isemmi n-numru ta' kotba li huwa ppubblika u artikli li kiteb f'diversi pubblikazzjonijiet li jsiru ta' kull sena qabel il-festa tal-Vitorja u f'okkażjonijiet oħra. Bis-saħħa tagħhom huwa ħareġ fil-beraħ l-istorja u l-ħajja tan-nies tal-lokal, u li ma kienx hekk, kienu jibqgħu mistura, jew minsija. Grazzi għall-kitba ta' Jimmy saru magħrufa iktar l-għeruq tal-Melleħin.

iii. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll li s-Sur Muscat dejjem kien ta' għajnuna għall-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, kull darba li ġie msejjaħ jagħti l-kontribut tiegħu, b'mod partikulari meta l-Kunsill kien jospità delegazzjonijiet barranin, huwa kien jieħu ħsieb jispjegalhom l-istorja u s-sinifikat tal-wirt storiku tal-Mellieħa. Is-Sindku rrefera wkoll għad-diversi kontribuzzjonijiet li huwa ta fil-magazin Mill-Qiegħa għat-Tfal u anke fil-kotba ppubblikati mill-Kunsill. Is-Sindku fakkar li fl-2007, il-Kunsill kien onoraħ bl-onorefiċenza "Ġieħ il-Mellieħa".

iv. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa jikkonferma l-merti msemmija mis-Sindku u żied jgħid li kulma kien jagħmel is-Sur Muscat, kien jagħtiħ b'umiltà u b'sens ta' volontarjat.

v. F'dan il-punt, il-Kunsill osserva minuta silenzju.

vi. Fid-dawl ta' dan kollu, is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jibda jagħmel it-tħejjijiet sabiex jitwaqqaf bust bil-għan li tiġġeded il-memorja tas-Sur Jimmy Muscat. Għal dan il-għan u talab li jsir kuntatt mal-familjari tiegħu sabiex isir magħruf dwar kif jaħsbuha fuq din il-proposta.

vii. Il-Kunsill qabel mal-minuta (vi), imressqa mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 81 tat-28 ta' Awwissu 2017, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Servizz dwar Ġbir ta' Skart Imħallat (K/6/2/Vol V)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 7.4. tas-seduta preċedenti u għarraf li permezz ta' ittra data 30 ta' Awwissu 2017, il-kuntrattur Velljo Services ġie mgħarraf bit-tħassib tal-Kunsill għad-diffikultajiet li qed jaffaċċja biex jipprovdi servizz permezz ta' tliet vetturi (Scammels), liema diffikultajiet qed jiġu kkawżati minn nuqqas ta' xufiera, li finalment qed jirriżulta f'dewmien persistenti biex jinġabar l-iskart mil-lokalità kollha. In vista ta' dan, u skont kif provdut fil-klawsola 25(01) tal-kuntratt relattiv, huwa ġie mitlub jinnomina minnufih *sub-contractor* li sussegwentement irid jiġi approvat mill-Kunsill, u hekk ikun żgurat illi s-servizz jingħata regolari. Ġie spjegat li l-imsemmija klawsola tipprovdi li:

> ***25. Discretion of Local Council***
>
> *(01) The Local Council may require the Contractor to employ a Sub-Contractor (hereinafter referred to as Nominated Sub-Contractor) nominated by the Local Council for the performance of any part of Service….."*

2.1.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li permezz ta' ittra datata 31 ta' Awwissu 2017, Velljo Services laqgħu l-proposta li saritilhom skont il-minuta 2.1.2. aktar 'il fuq u nnominaw lis-Sur Antoine Fenech (I.D. 287969M) bħala *sub-contractor*. Fi tweġiba tagħhom, iffirmata mis-Sinjuri Joseph Vella f'isem Velljo Services, u Antoine Fenech, ġie propost li s-Sur Antoine Fenech jipprovdi servizz bħala *sub-contractor* fil-lokalità tal-Mellieħa kollha, minbarra fiż-żoni Ta' Ġerbulin; Tas-Sellum; Tal-Ibraġ; Tal-Kortin; u l-Manikata.

2.1.3. Min-naħa tiegħu s-Sur J. Vella (Velljo Services) ikkonċeda li l-ħlas tas-servizz deskritt fil-minuta 2.1.2. aktar 'il fuq, isir mill-Kunsill direttament lis-*sub-contractor* u għalhekk jinqata' mill-ħlas dovut lil Velljo Services kull xahar, skont kif ipprovdut fil-klawsola 25(15)(b) tal-kuntratt relattiv. Ġie spjegat li l-imsemmija klawsola tipprovdi li:

> *"The Local shall be entitled to pay to such Nominated Sub-Contractor direct upon the certification of the Council all payments ......which the Contractor has failed to make to such nominated Sub-Contractor and to deduct by way of set-off the ammout to be paid by the Local Council from any sums due or which become due from the Local Council to the Contractor. Provided always that where the Council Representative has certified and the Local has paid direct as aforesaid the Council Representative shall, in issuing any further certificate in favour of the Contractor, deduct from the amount thereof the amount so paid direct as aforesaid, but shall not withhold or delay the issue of the certificate itself when this is due to be issued under the terms of the Contract.*
>
> *In order to facilitate payment to the nominated Sub-Contractor the Local Council may issue separate cheques payable to the Contractor and nominated Sub-Contractor respectively in accordance with the respective amounts due as certified in the monthly statement.".*

2.1.4. Fl-ittra tagħhom tal-31 ta' Awwisu 2017, Velljo Services u s-Sur Antoine Fenech iddikjaraw li r-rati applikabbli huma kif ġej:

| | Deskrizzjoni tas-Servizz | Rata bil-VAT inkluża |
|---|---|---|
| 1. | Ġbir ta' skart imħallat permezz ta' RCV Nru. tar-Reġistrazzjoni IBW 637, mingħajr kolletturi, fil-lokalità tal-Mellieħa minbarra fiż-żoni Ta' Ġerbulin; Tas-Sellum; Tal-Ibraġ; Tal-Kortin; Santa Marija Estate, u l-Manikata. | €177.00 kull vjaġġ |
| 2. | Tbattil u tindif madwar *skips* li jinsabu fil-lokalità tal-Mellieħa | €177.00 kull vjaġġ |
| 3 | Vjaġġ addizzjonali (ġonta) li jista' ikun meħtieġ flimkien mas-servizz Nru. 1 biex tiġi koperta r-rotta kollha | €76.70 kull vjaġġ |
| 4 | Servizz tal-kollettur | €35.40 kull servizz li ma jeċċedix tmien (8) siegħat. |

2.1.5. Min-naħa tiegħu Velljo Services bħala kuntrattur ewlieni, intrabath ukoll li jinnotifika mill-inqas erba' u għoxrin siegħa qabel lill-Kunsill u lis-*Sub-Contractor* kull darba li jkun hemm ħtieġa li jirrikorri għas-servizz in kwistjoni. Dan sabiex ikun hemm kontabilità u faċilità fiċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet.

2.1.6. Min-naħa tiegħu, is-Sur Antoine Fenech, aċċetta li jipprovdi s-servizzi tiegħu bħala *sub-Contractor*, skont ir-rati ta' ħlas mogħtija aktar 'il fuq, u li jgħaddi r-riċevuti mogħtija lilu kull darba li jiddisponi mill-iskart li jiġbor permezz ta' dan l-inkarigu.

2.1.7. Is-Segretarju aċċenna wkoll li nkiseb parir mingħand il-konsulent legali tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-klawsoli 25(01) u 25(15)(b) tal-kuntratt relattiv fil-kuntest deskritt aktar 'il fuq. L-istess konsulent kien tal-parir li l-Kunsill jista' jipproċedi bl-arranġament miftiehem.

2.1.8. Il-Kunsill irratifika l-arranġament miftiehem b'effett mill-1 ta' Settembru 2017.

## 2.2.1. Proġett "Darba Waħda" **(A/1/1/Vol IV)**

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 4.7.1. tas-seduta ta' qabel u qalet li l-inizjattivi msemmija ser ikompli jsegwiha il-Kunsillier J. Attard.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.3.1. Programm "*Life & Style*" fuq NET Television u l-programm "Xift" fuq TVM **(M/3/Vol III)**

2.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuti 4.8.1. u 4.9.1. tas-seduta preċedenti dwar is-suġġett t'hawn fuq u qal li persuna oħra residenti fil-Mellieħa li għandha talent partikulari, huwa is-Sur Tony Pace li jagħmel muturi apposta.

2.3.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li s-Sur Dean Fenech diġa ġie kkuntattjat u aċċetta li jieħu sehem fil-programm "*Life & Style*". Hija qalet li ser tara jekk hemmx il-possibiltà li jidħol fil-programm "Xift".

## 2.4.1. Arranġamenti tat-traffiku fit-toroq ewlenin **(T/3/3/Vol V)(**

2.4.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 17.2. (ċ) tas-seduta ta' qabel. Huwa qal li jixtieq jiċċara li l-Bord tat-Traffiku fi ħdan Transport Malta, bħala waħda mill-proposti li qed jikkonsidra, hija dik li jitħalla l-ipparkjar fi Triq Ġorġ Borg Olivier, filwaqt li t-triq issir *one-way* l'isfel u t-traffiku bil-kontra jgħaddi minn Dawret il-Mellieħa u Triq Lewis Wettinger. Triq Ġorġ Borg Olivier tibqa' *two-way* għall-karozzi tal-linja

2.4.3. Il-Kunsill innota l-kjarifika mogħtija.

**2.5.1. Pubblikazzjoni "*Let's Walk Around Europe*" (T/12/Vol II)**

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 4.6.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li ttieħdu ritratti tal-Wied tal-Imġiebaħ u fil-Park tal-Majjistral. Ir-ritratti ttieħdu mill-fotografu is-Sur Josef Scicluna u ġew mgħoddija lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lolaki.

2.5.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**2.6.1. Programm ta' attivitajiet kulturali matul l-2018 (A/5/5/Vol VIII)**

2.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 9.4. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-laqgħa ta' konsultazzjoni mal-għaqdiet dwar is-suġġett t'hawn fuq ġiet iffissata għat-2 ta' Ottubru 2017 fis-7.00 pm, fis-Sala tal-Kunsill.

2.6.3. Il-Kunsill innota dan l-appuntament.

**2.7.1. Kampanja "*Let's Do It Malta*" (T/4/6/Vol III)**

2.7.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 2.4.1. u għarraf li kien hemm żviluppi fuq l-inizjattiva msemmija, fis-sens li t-tindif issa ser isir fil-Bajja tal-Mixquqa, flimkien mal-inħawi tal-Fortizza ta' Campbell f'Selmun. Kompla jgħid li l-Kunsill qed jintalab jipprovdi biss boroż suwed u griżi u ngwanti.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Aċċess għal-tagħrif dwar il-lokalità permezz ta' *smart phones* (I/1/3/Vol VI)**

2.8.2. Il-Kunsillier P. Cutajar rrefera għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-*mobile app* tal-Kunsill bdiet topera u saret aċċessibbli għall-pubbliku fis-6 ta' Settembru 2017.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 07/09/17;
- Skeda ta' Pagamenti – 26/08/17 – 07/09/17;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1. Inċident fi Triq il-Manikata (D/5/Vol II)**

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 30 ta' Awwissu 2017, mibgħuta mill-Avv. Ian Stafrace, f'isem il-klijenti tiegħu Josianne u Joseph Dimech, li fid-29 ta' Awwissu 2014, hija flimkien mat-tliet uliedha waqgħet bil-vettura tagħha - LAG 091 – diversi metri fir-raba li hemm biswit Triq il-Manikata. Permezz tal-imejl imsemmi, għat-tieni darba ntalbet laqgħa mal-Kunsill. L-ewwel laqgħa kienet tħassret peress li l-avukat ta' Dimech ma attendiex.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jintalab il-parir tal-konsulent legali.

**4.2.1. Inċident fi Triq Għajn Tuffieħa (D/5/Vol II)**

4.2.2. Saret referenza għal korrispondenza li għaddiet ma' Gasan Insurance, Mediterranean Insurance Brokers u l-Kunsill dwar danni li skont rapport tal-Pulizija ġew sofferti wara inċident fi Triq Għajn Tuffieħa li ġara fil-31 ta' Jannar 2016, fejn il-vettura Nru. tar-registrazzjoni LCR 643 waqgħet f'ħofra li kien hemm fl-istess triq. Id-danni jinvolvu *tyre* u *rim* ta' rota maqsum. Għal dan intalab kumpens ta' €876.98. Wara li ġew espressi xi dubji

dwar il-ġenwinità tar-rapport, l-insurers tal-Kunsill spjegaw l-għażliet li għandu l-Kunsill, liema għażliet ingħataw f'imejl datat 31 ta' Awwissu 2017.

4.2.3. Wara li l-Kunsill evalwa l-għażliet li kellu quddiemu, kien hemm qbil li t-talba għandha tintlaqa' billi l-Kunsill iħallas l-*excess*, filwaqt li l-kumpanija tal-assikurazzjoni tkopri l-kumplament tal-ispiża.

## 4.3.1. Tfakkir tal-memorja ta' Jimmy Muscat (M/9)(T/4/1/Vol III)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 6 ta' Settembru 2017, mibgħuta mill-Onor. Robert Cutajar dwar is-suġġett t'hawn fuq. Fl-istess ittra ntqal li wara l-mewt tas-Sur Jimmy Muscat li ġrat fit-2 ta' Settembru 2017, ser tiġi organizzata serata mużiko-letterarja fit-3 ta' Novembru 2017. Saret ukoll proposta lill-Kunsill sabiex tissemma għaliħ triq fil-Mellieħa, kif ukoll isir bust tiegħu fl-akwati tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.

4.3.3. Il-Kunsill innota l-attività imsemmija, kif ukoll li l-proposta dwar it-twaqqif ta' bust hija konformi mad-deċiżjoni mehuda skont il-minuta (vi) aktar 'il fuq.

## 4.4.1. Kampanja "*Pink October 2017*" (K/11)

4.4.2. Sar aċċenn għal ittra mibgħuta mill-Marigold Foundation u s-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet, datata 30 ta' Awwissu 2017, li tappella sabiex matul ix-xahar ta' Ottubru kollu jinxtegħel dawl rosa fuq xi bini prominenti fil-lokalità b'appoġġ għall-kampanja magħrufa bħala *Shade It Pink Campaign 2016*.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem billi tinxtegħel il-faċċata tal-uffiċċju amministrattiv tul il-perjodu ndikat.

## 4.5.1. Ipparkjar fi Triq ir-Rattan (T/3/2/Vol XV)

4.5.2. Inqara imejl datat 28 ta' Awwissu 2017, mibgħut mis-Sur Edwin Vella, fejn talab li jiġi pprojbit l-ipparkjar fit-triq imsemmija fil-parti bejn Triq il-Fortizza u Triq tas-Salib. Dan għar-raġuni li Triq ir-Rattan saret ħolqa mportanti bejn iż-żona Ta' Masrija u Triq il-Kbira. Inġibdet l-attenzjoni wkoll dwar il-ħtieġa li jsir *scarifying* ta' wiċċ it-triq peress li kien hemm numru ta' inċidenti billi t-triq tiżloq.

4.5.3. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jitnaqqas spazju għall-ipparkjar, iżda approva li jsir *scarifying* ta' wiċċ it-triq.

## 4.6.1. Laqgħa plenarja tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (A/2/1/Vol II)

4.6.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għaċ-Ċirkulari 66/2017 tas-7 ta' Settembru 2017, mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Huwa għarraf li beħsiebu jagħmel intervent fil-konferenza tat-30 ta' Settembru 2017 biex jaċċenna fuq l-importanza li l-Kunsilli Lokali jkunu involuti fl-aspett soċjali u mhux biss jillimitaw l-operat tagħhom fuq il-lati infrastrutturali u kulturali.

4.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.7.1. Taħdita dwar in-nutrizzjoni (E/3/1/Vol III)

4.7.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 21 ta' Awwissu 2017, fejn l-operatur ta' l-ispa tal-lukanda Maritim talbu li jagħtu taħdita miftuħa għall-pubbliku dwar is-suġġett t'hawn fuq, fis-sala tal-Kunsill.

4.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li talbiet ta' din ix-xorta, ġejjin minn entitajiet privati, m'għandhomx jiġu aċċettati.

**4.8.1. Sessjonijiet tal-*aerobics*** **(E/3/1/11/Vol II)**

4.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li kif sar fl-2016, id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard qed joffri programm ta' telf ta' piż u attività fiżika fil-Kunsilli Lokali. Dan jikkonsisti f'żewġ sessjonijiet fil-ġimgħa għal tul ta' 12-il ġimgħa u jinvolvu nformazzjoni u diskussjoni dwar in-nutrizzjoni u t-telf tal-piż żejjed, kif ukoll attività fiżika. Billi ser tingħata preferenza lil minn qatt ma attenda, jista' ikun li minn attenda korsijiet preċedenti jitħalla barra minkejja li jkun wera interess illi jattendi korsijiet futuri. Dawk l-applikanti li fil-passat diġa attendew għall programm kollu u reġgħu urew ix-xewqa li jerġgħu jattendu, ser jitpoġġew fuq lista separata biex dawn ikunu eleġibbli li jagħmlu *follow up* għall programm tal-*Aerobics* biss. B'dan il-mod jigu mgħajjta ma' dawk il-partecipanti li jkunu qed jagħmlu il-programm kollu. Għalhekk l-ammont ta' parteċipanti għas sessjoni tal–attività fizika tizdied aktar minn dik tas-sessjoni ta'telf ta' piż żejjed (*nutrition*). Għaldaqstant qed jintalab li jkun hemm sala ikbar min dik tal-Kunsill, B'hekk ikun impossibli għad-Dipartiment li jibgħatu għall dawk li jkunu urew ix-xewqa li jerġgħu jattendu dan il-programm.

4.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tiġi stabbilita l-ispiża, kemm-il darba tintuża s-Sala Professur Godfrey Wettinger fil-Iskola Primarja.

**4.9.1. Parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2017** **(F/5)**

4.9.2. Il-Viċi Sindku D Vella aċċenna li permezz ta' imejl datat 24 ta' Lulju 2017, l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb stieden lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa sabiex jipparteċipa fl-attivita` imsemmija li ser issir bejn it-8 u t-12 ta' Novembru 2017 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt Valletta.

4.9.3. Il-Kunsill approva l-parteċipazzjoni proposta kif ukoll talab li ssir skeda li tindika l-persuni li ser ikunu fl-i*stand* tal-Kunsill.

**4.10.1. Użu tal-*billboard* fit-Telgħa ta' Selmun** **(S/6/Vol IV)**

4.10.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 12 ta' Awwissu 2017 fejn l-organizzatturi tal-Puttinu Cares Marathon talbu sabiex jagħmlu użu mill-*billboard* imsemmija bil-għan li jippromwovu l-istess avveniment, li ser iseħħ fil-Marsa fit-22, 23 u 24 ta' Settembru 2017.

4.10.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**4.11.1. Korsijiet tal-kompjuter għat-tfal** **(E/3/1/9/Vol IV)**

4.11.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 11 ta' Settembru 2017 fejn saret proposta minn TCTC Ltd sabiex jitqassmu ċ-ċertifikati lit-tfal li attendew il-kors bl-isem ta' "Robotica" li ser jiġi fi tmiemu fit-30 ta' Settembru 2017. Huwa ssuġġerixxa li l-preżentazzjoni ssir fis-6 ta' Ottubru 2017.

4.12. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 7 ta' Settembru 2017.

5.3. Il-Kunsillier P. Cutajar iddikjara li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar l-*item* 5 fl-iskeda, skont kif provdut fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

5.4. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

**6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal**

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-26 ta' Awwissu u s-7 ta' Settembru 2017.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha fl-iskeda msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 7.1. Park tal-Majjistral – Tibdil fil-ħinijiet li matulhom tista' issir il-kaċċa (A/4/10)

7.2. Is-Sindku aċċenna għal laqgħa tal-Bord tal-Majjistral li saret fis-6 ta' Settembru 2017, li għaliha attenda l-Onor. J. Herrera l-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Agrikoltura, is-Sajd u Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Clint Camilleri, u s-Sur J. Caruana s-Segretarju Permanenti fl-istess Ministeru.

7.3. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li hija l-intenzjoni tal-Gvern li jemenda r-Regolamenti dwar is-Sit tal-Majjistral Park ta' Natura u Storja (L.S.549.83) billi jestendi l-ħinijiet li fihom tista' issir il-kaċċa mill-10.00am sas-12.30pm, u bejn 10.00am u s-2.30pm fil-każ tal-insib, waqt li jkun miftuħ l-istaġun. Huwa qal li ntalbet l-pożizzjoni uffiċjali tal-Kunsill Lokali fuq din il-materja li jeħtieġ tingħata f'laqgħa oħra skedata fid-19 ta' Settembru 2017.

7.4. Fil-bidu tad-diskussjoni fuq dan is-suġġett, il-Kunsillier E. Bartolo talab li jiġi skużat billi ried jattendu laqgħa tal-Kumitat Reġjonali tat-Tramuntana, filwaqt li l-Kunsillier P. Cutajar talab li jħalli s-seduta minħabba inpenn ieħor.

7.5. Wara diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li sakemm il-kaċċa hija ntenzjonata li tibqa' isseħħ biss matul l-istaġun tal-kaċċa, skont kif jitħabbar minn żmien għal żmien, ma jsibx oġġezzjoni għall-estensjoni, bil-kundizzjoni li ma jsirux attivitajiet oħra li jinvolvu ġemgħa ta' persuni, bħalma huma żjajar minn tfal tal-iskola eċċ, waqt il-ħinijiet li matulhom tkun permessa l-kaċċa.

## 8.1. Sejħa għall-Istimi MLC 2/2017 – Servizz ta' Trasport għall-Anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-Sejħa għall-Istimi MLC 2/2017 għalqet fl-11 ta' Settembru 2017 u għaliha wieġeb offerent wieħed li kkwota prezz globali ta' €2,940 (mingħajr il-VAT). sabiex jipprovdi 70 vjaġġ bl-użu ta' *minibus* ta' 18-il passiġġier mingħajr l-użu tat-*tail lift*. Intalbet ukoll rata separata f'każ li jkun meħtieġ serizz bit-*tail lift*.

8.3. L-istima ngħatat kif jidher hawn taħt:

| | Rata għal kull vjaġġ ta' *Minibus* Normali mingħajr VAT | Rata għal kull vjaġġ ta' *Minibus* bit-*Tail Lift* mingħajr VAT |
|---|---|---|
| Rata preċedenti offruta minn Paramount Garages Ltd | €36.50 | €80.00 |
| Rata kkwotata wara s-Sejħa MLC 2/2017 | €42.00 | €90.00 |

8.4. Filwaqt li ġie nnutat li s-sottomissjonijiet li saru kienu konformi mar-rekwiżiti tas-sejħa, il-Kunsill qabel li l-*purchase order* għandha tinħareġ lill-Paramount Garages Ltd.

8.5. Fid-dawl tal-minuti 8.4., is-Sotto-Kumitat tal-Evalwaturi ntalab sabiex jiffinalizza l-proċess fl-*e-PPS*.

## 9.1. Parteċipazzjoni fil-proġett *eMovie-Lab* (P/10/1/Vol IV)

9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-proġett imsemmi, li ser jitwettaq f'Casalborgone l-Italja bejn l-10 u 18 ta' Settembru 2017, ser jieħdu

sehem ħames żgħażagħ Melleħin li huma: Luca Vella; Amy Zammit; Lea Sammut; Jade Borg u Melissa Cutajar. Huma ser ikunu akkumpanjati mis-Sinjura Doriette Fenech Gambin mis-Segretarjat tal-Kunsill.

9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**10.1. Jum Dinji tat-Tfal (A/5/3/Vol XIII)**

10.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li f'Novembru jiġi mfakkar l-avveniment imsemmi flimkien mal-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal. Hija spjegat li din l-okkażjoni hija ntiża sabiex joħorġu l-bżonnijiet u talenti li għandhom it-tfal u ż-żgħażagħ. Intqal ukoll li aktar dettalji dwarha jingħataw aktar 'il quddiem.

10.3. Il-Kunsill approva baġit li ma taqbisx €1,500 mill-vot 3370.

**11.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)**

11.2. Il-Kunsillier J. Attard ippropona illi l-ħarġa li jmiss tkun għall-Smart City, fid-19 ta' Ottubru 2017. Huwa qal li 27 persuna kienu nteressati li jattendu.

11.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

**12.1. *Bring-In Site* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (K/6/10/Vol III)**

12.2. Il-Viċi Sindku D. Vella aċċenna illi l-frekwenza tat-tbattil tad-*domes* fil-*bring-in site* imsemmija mhux qed tkun regolari, bir-riżultat li qed ikun hemm nies li tiġihom it-tentazzjoni li jħallu l-iskart maġenb l-istess *domes*. Kompla jgħid li bl-introduzzjoni tas-CCTV huwa iktar importanti li l-kuntratturi konċernati jżomm mal-frekwenzi stabbiliti.

12.3. Is-Sindku kkonferma li s-sitwazzjoni deskritta fil-minuta 12.2 teżisti u għalhekk qed issir pressjoni fuq Green MT Ltd sabiex jiġu onorati l-frekwenzi.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fid-9.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 3 ta' Ottubru 2017 fil-5.30 pm.

Joħn Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**